# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 5**

**Rikors numru 402/21/1 LM**

**Dustin Bugeja**

**v.**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali**

1. L-attur appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fit-12 ta' Lulju 2023 li biha ċaħdet l-ilment tal-attur li fil-kawża kriminali **l-Pulizija v. Dustin Bugeja** kienu miksura d-drittijiet fundamentali tal-attur kif protetti bl-Art, 32(ċ) u 39 tal-Kostituzzjoni u l-Art. 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Bħala fatti, mill-provi rriżulta li:

i. Fl-14 ta' Novembru 2009 l-attur tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u *inter alia* kien akkużat li ħajjar għall-prostituzzjoni lil tliet tfajliet taħt l-età u għex mill-qligħ tal-prostituzzjoni;

ii. L-attur twieled fis-7 ta' Jannar 1992 u għalhekk meta tressaq il-qorti kellu sbatax-il sena;

iii. Fit-30 ta' Mejju 2011 l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

iv. Fit-28 ta' Marzu 2014 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat is-sentenza li biha ddikjarat lill-akkużat ħati *inter alia* tal-akkużi li ħajjar lil tliet tfajliet taħt l-età għall-prostituzzjoni, qabbadhom fil-prostituzzjoni, għex mill-qligħ tal-prostituzzjoni u wettaq attivitajiet sesswali magħhom meta kienu taħt l-età. Il-Qorti kkundannatu għal sitt snin priġunerija.

v. Fl-10 ta' April 2014 l-attur appella mis-sentenza li jidher li għadha pendenti. L-aggravju prinċipali hu dwar l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti.

vi. Fil-5 ta' Ottubru 2018 il-Qorti Kostituzzjonali tat sentenza (**Dustin Bugeja v. Avukat Ġenerali et**, 16/2016). F'dawk il-proċeduri l-attur kien qiegħed jilmenta li seħħ ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba li ma kienx assistit minn avukat meta kien interrogat mill-Pulizija. Il-Qorti ħassret is-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-18 ta' Ottubru 2017 u ddeċidiet li f'dak l-istadju ma kien seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, b'dan li ordnat li l-istqarrija tal-attur u kull referenza għaliha titneħħa mill-proċess tal-proċeduri kriminali.

vii. Fl-4 ta' Jannar 2021 l-attur fetaħ il-kawża tal-lum, li biha jilmenta li ma ngħatax aċċess għal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija u għalhekk ma setax jiddefendi lilu nnifsu bl-aqwa mod possibbli, u ġie ppreġudikat. Ilmenta wkoll minn ksur tal-jedd fundamentali għall-privatezza għaliex ġiet esposta informazzjoni privata dwar ir-relazzjonijiet intimi tiegħu. Inoltre, għalkemm kien hemm enfażi kbira dwar l-età tax-xhieda, hu stess kien minuri.

viii. B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Lulju 2021 ordnat is-soprasessjoni tal-appell sakemm ikun hemm pendenti l-kawża kostituzzjonali.

3. L-attur fetaħ il-kawża fl-4 ta' Ġunju 2021 u talab lill-Qorti sabiex:

*"1. Tiddikjara illi fil-mori tal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrneti mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kif ukoll bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrenti, senjatament l-Artikoli 32(ċ) u 39 tal-Kostituzzoni ta' Malta u l-artikoli 6 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*2. Takkorda dawk ir-rimedji kollha effettivi li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa".*

4. Il-Konvenuti wieġbu u kkontestaw il-pretensjonjiet tal-attur.

5. B'sentenza tat-12 ta' Lulju 2023 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur. Fil-konsiderazzjonijiet l-Ewwel Qorti *inter alia* qalet:

*"20. B'riferiment għall-proċeduri kriminali li ttieħdu kontra r-rikorrent, u li huwa jallega li bil-mod kif saru kisru il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, mill-atti jirriżulta li kull darba li r-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, huwa kien jaf għal liema raġuni kien qiegħed jitressaq, kif ukoll min kienu l-persuni li kienu qegħdin jagħmlu l-allegazzjonijiet fil-konfront tiegħu. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta bl-aktar mod ċar li r-rikorrent kien jaf x'kienu r-reati li huwa kien qiegħed jiġi akkużat bihom, u li huwa ngħata l-opportunità li jagħżel avukat tal-fiduċja tiegħu sabiex jassistieh f'dawk il-proċeduri. Jirriżulta wkoll li fis-sottomissjonijiet finali tiegħu, l-avukat difensur tar-rikorrent iċċita b'mod estensiv mix-xhieda mogħtija mill-allegati vittmi tar-reat, u anki għamel riferiment għall-komportament tagħhom, fosthom il-mod leġġer li bih iddeskrivew ċerti atti, u talab lill-Qorti tikkonsidra dak li qalu dawn ix-xhieda u l-mod kif ġabu ruħhom bih. Dan kollu juri li mhux minnu li r-rikorrent ma kienx jaf x'qegħdin jgħidu x-xhieda jew aħjar l-allegati vittmi tar-reati li huwa tressaq akkużat bihom quddiem qorti ta' ġudikatura kriminali, u għalhekk ir-rikorrent ma sofra l-ebda preġudizzju, mhux kif qiegħed jallega. Il-fatt li qorti ta' ġudikatura kriminali sabet ħtija fir-rikorrent, ċertament li ma jistax jitqies li huwa dovut għall-fatt li r-rikorrent ma tħalliex jiddefendi ruħhu bl-aħjar mod possibbli, kif qiegħed jallega, għaliex jirriżulta mill-atti li huwa kellu numru ta' avukati jiddefenduh, u li saħansitra bidel l-avukati difensuri tiegħu diversi drabi.*

.................

*23. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-isfond ta' dak li seħħ fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fil-konfront tar-rikorrent, din il-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrent dwar ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-*

*Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea li hija ġustifikata, u għalhekk tiċħadha.*

*...............*

*27. Ir-rikorrent qiegħed jallega li huwa sofra ksur tad-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata u familjari tiegħu, mingħajr ma jispeċifika b'mod preċiż f'liema istanza u b'liema mod dan il-jedd tiegħu ġie miksur. Qabel xejn il-Qorti tirrileva li l-artikolu 32 tal-Kostituzzjoni mhuwiex wieħed inforzabbli taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, li huwa l-artikolu li jagħti lil din il-Qorti l-kompetenza li teżamina u tiddetermina kawżi dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u li tipprovdi rimedju għal tali ksur, għaliex l-artikolu 46 fil-fatt isemmi biss l-artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Imma d-dritt fundamentali għall-ħajja privata u familjari, huwa protett ukoll bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Mill-atti esebiti jirriżulta li r-reati li ġie akkużat bihom ir-rikorrent fi proċeduri kriminali, huma reati ta' natura sesswali fuq minorenni, u għalhekk ta' bilfors li kellhom jingħataw ċerti dettalji, u dak li ġie dibattut fil-proċeduri kriminali jaqa' perfettament fl-"indħil" neċessarju u leġittimu f'soċjetà li tħaddan is-saltna tad-dritt sabiex il-Qorti penali tkun tista' tiddeċiedi dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti. Hawnhekk għandu jingħad li kienet għażla tar-rikorrent li jtella' membri tal-familja tiegħu jixhdu, u li tkellmu b'mod apert dwar it-trobbija tagħhom u dwar aspetti oħra tal-ħajja familjari tagħhom. Ċertament li ma kien hemm l-ebda intervent da parti tal-Istat li jġiegħel lir-rikorrent jew lill-persuni li xehdu fil-proċeduri kontra tiegħu, sabiex jagħtu ċertu dettalji ta' natura privata. Iżda kien hemm dettalji oħra li ta' bilfors li kellhom jingħataw sabiex il-Qorti penali setgħet tifhem iċ-ċirkostanzi tal-każ u setgħet tagħti deċiżjoni dwar l-akkużi li kien qiegħed jiffaċċja r-rikorrent. Il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Dickson vs UK***[1] *dwar il-protezzjoni ta' dan id-dritt fundamentali partikolari, qalet illi:*

> *"the object of article 8 is essentially that of protecting the individual against arbitrary interference by the public authorities".*

*28. Fil-każ odjern ma jirriżulta li kien hemm ebda interferenza arbitrarja da parti tal-Istat bil-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent.*

*29. Il-Qorti tqis dan ifisser li skont l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea l-Istati għandhom l-obbligu li jilleġislaw b'tali mod li jinżamm bilanċ bejn l-obbligu tal-ħarsien tal-ħajja privata u familjari min-naħa l-waħda, u l-obbligu tal-ħarsien tal-vittmi min-naħa l-oħra, partikolarment fejn dawn il-vittmi ikunu minorenni. F'dan il-każ ma ġiex speċifikat b'liema mod ir-rikorrent sofra minn ksur tad-dritt fundamentali għall-ħajja privata u familjari tiegħu bil-mod kif tmexxew il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu, u lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi interferenza inordnata jew mhux xierqa da parti tal-Istat jew l-istituzzjonijiet tiegħu. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti mhix sejra tilqa'*

[1] 04.12.2007.

> *l-ilment tar-rikorrent, għaliex ma jirriżultax il-ksur li qiegħed jiġi allegat minnu".*

6. Fl-1 ta' Awwissu 2023 l-attur appella mis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti u ressaq żewġ aggravji:

i. Jilmenta li ma ngħatax smigħ xieraq għaliex ma ngħatax aċċess għad-dokumenti;

ii. Sofra minn ksur tal-jedd ta' privatezza għaliex il-proċeduri kriminali saru fil-miftuħ meta kien għadu minorenni.

7. Il-Qorti fl-ewwel lok tosserva li l-ilmenti li ressaq l-attur fil-kawża tal-lum suppost ipproponihom fil-kawża kostituzzjonali **Dustin Bugeja v. Avukat Ġenerali et** (16/2016) li fetaħ fil-5 ta' Frar 2016, li biha lmenta li waqt l-interrogazzjoni li saret mill-Pulizija ma kienx assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu. Wara li nqatgħet dik il-kawża bis-sentenza li l-Qorti Kostituzzjonali tat fil-5 ta' Ottubru 2018, l-attur fetaħ kawża oħra fl-4 ta' Ġunju 2021. Din id-darba qiegħed jerġa' jilmenta li fil-kors tal-kawża kriminali sofra ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq għal raġuni differenti minn dik li ssemmiet fil-kawża 16/2016, kif ukoll ksur tal-jedd għall-privatezza għaliex is-smigħ tal-kawża ma sarx bil-magħluq.

8. M'għandux ikun li kwistjonijiet dwar allegat ksur ta' jedd fundamentali fil-kors ta' kawża kriminali jitressqu b'kawżi li jsiru fi żminijiet differenti kull meta jfettillu l-akkużat. Ma kien hemm l-ebda impediment għall-attur li jsemmi l-ilmenti li għamel fil-kawża odjerna, fil-kawża 16/2016. Bit-tieni kawża li fetaħ l-attur ifisser li f'kawżi ta' din ix-xorta qatt ma jista' jkun hemm ċertezza legali għaliex kull meta jfettillu l-akkużat jiftaħ kawża kostituzzjonali b'ilment ġdid dwar l-istess proċeduri kriminali, fuq materji li kellu kull opportunità li jressaq fl-ewwel kawża. Dan iwassal għall-abbuż tal-proċess ġudizzjarju u nuqqas ta' ċertezza legali. Biss biss din it-tieni kawża wasslet biex il-proċeduri tal-appell fil-kawża kriminali jkomplu jitwalu bla bżonn.

9. Madankollu, il-Qorti xorta ser tqis il-mertu tal-appell li ressaq l-attur.

10. Fir-rigward <u>tal-ewwel aggravju</u>, fir-rikors promotur l-attur ilmenta li flimkien mal-avukati ta' fiduċja tiegħu, ma kellhomx aċċess għad-dokumenti kollha li kellha l-Pulizija kontra tiegħu. L-attur tressaq il-qorti fl-14 ta' Novembru 2009 u l-kawża kienet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-28 ta' Marzu, 2014. Matul dawk is-snin kollha l-attur altru milli kellu biżżejjed żmien biex isir jaf xi provi kellha l-prosekuzzjoni. F'dan ir-rigward mill-atti tal-proċeduri kriminali lanqas ma jirriżulta li l-attur ilmenta li sofra jew kien qiegħed isofri xi preġudizzju. Qari wkoll tan-nota ta' sottomissjonijiet li l-attur ippreżenta

fil-kawża kriminali (9 ta' Ottubru, 2013) hi prova ċara kemm kien f'pożizzjoni li jiddefendi ruħu mill-akkużi li saru kontrih.

11. Inoltre, meta l-attur tressaq il-qorti b'arrest, id-difiża ddikjarat li mhijiex tikkontesta l-validità tal-arrest (ara verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru 2009). Għalhekk f'dak l-istadju *disclosure* għall-finijiet ta' kontestazzjoni tal-arrest, kien irrilevanti. Lanqas ma rriżulta li kien hemm xi provi li l-attur ma kienx jaf bihom u li setgħu kienu kruċjali biex jingħata l-ħelsien mill-arrest qabel iż-żmien li fih ingħata.

12. Fl-aggravju l-attur irriproduċa estratti mid-depożizzjoni tiegħu u ta' waħda mit-tfaljiet u għamel referenza għall-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali li kien introdott bl-Att IV tal-2014 dwar id-dritt għall-aċċess għall-materjal tal-każ. L-ilment tal-attur li ma ngħatax smigħ xieraq, għandu jitqies billi jiġi kkunsidrat dak kollu li jkun sar fil-kors tal-proċess kriminali. Il-provi ma jurux li waqt is-smigħ tal-kawża kriminali kien hemm xi prova li l-attur ma sarx jaf biha jew li sofra preġudizzju minħabba ż-żmien li fih sar jaf bil-provi li ressqet il-prosekuzzjoni.

13. Il-Qorti tfakkar ukoll li l-ilment kif spjegat fir-rikors promotur li bih l-attur fetaħ il-kawża, kien li huwa ma ngħatax aċċess għal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-kawża kriminali. L-atti tal-proċeduri kriminali juru mod ieħor apparti li ma ntweriex li kien hemm xi

prova kruċjali li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq. Għalhekk li l-attur jilmenta li ma setax jiddefendi ruħu bl-aqwa mod possibbli u ġie ppreġudikat, hu l-bogħod ħafna mill-verità.

14. B'riferenza għat-tieni aggravju, mill-provi jirriżulta li l-attur kien patroċinat minn avukat ta' fiduċja tiegħu. Mill-atti tal-kawża kriminali ma jirriżultax li l-Qorti tat ordni li s-smigħ tal-każ jinstema' bil-magħluq. Il-prinċipju ġenerali hu li s-smigħ tal-kawżi għandu jsir fil-miftuħ (Art. 531 tal-Kodiċi Kriminali). Madankollu, il-liġi stess tipprovdi li *inter alia* fil-każijiet ta' tfal taħt l-età ta' tmintax-il sena, il-qorti tista' żżomm is-seduti tagħha bil-magħluq. Il-qorti minn jeddha tista' tagħti ordni bħal dik. Madankollu, fl-istess ħin m'hemm xejn x'iżomm lill-imputat/akkużat milli jagħmel talba f'dak is-sens. Għalhekk kieku ried l-attur, li kien patroċinat minn avukat ta' fiduċja tiegħu, kellu rimedju li għażel li ma jużax. Inoltre, mill-provi jirriżulta li fl-ewwel seduta li kienet saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fl-14 ta' Novembru 2009, il-Qorti ordnat, *"..... il-projbizzjoni tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat u kif ukoll tal-parte leża f'kwalunkwe mezzi ta' xandir, stampa u jew komunikazzjoni elettronika"*.

15. Il-Qorti tosserva wkoll li b'mod konvenjenti l-attur qiegħed jinsa li hu tressaq il-qorti fl-14 ta' Novembru 2009 u fis-7 ta' Jannar 2010 għalaq tmintax-il sena. Kull ma sar f'dawk ix-xahrejn huma żewġ seduti, waħda

fl-14 ta' Novembru 2009 meta tressaq b'arrest quddiem il-qorti u seduta oħra fil-25 ta' Novembru 2009 meta xehdet l-ispettur li kienet qiegħda tmexxi l-prosekuzzjoni. Jidher li nesa wkoll li s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħatat fit-28 ta' Marzu 2014, meta allura kellu 22 sena.

**Deċiżjoni.**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

Peress li tqis li l-appell tal-attur hu fieragħ, tordna li għandu jħallas lill-appellati l-ispejjeż għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

Tordna li kopja awtentika ta' din is-sentenza tintbagħat minnufih lill-Qorti tal-Appell Kriminali li quddiemha hemm pendenti l-appell tal-attur mis-sentenza **l-Pulizija v. Dustin Bugeja** (152/2014) sabiex minnufih jitkompla u jissokta s-smigħ tal-appell tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm